

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni kkontestata.

— Evidentement, il-Kummissjoni ma eżaminatx b'mod debitu u imparzjali ċ-ċirkustanzi tal-kawża.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2017 – LG Vaquero Aviación et vs SRB

(Kawża T-670/17)

(2017/C 424/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: LG Vaquero Aviación, S.L. (Alcorcón, Spanja) u 15-il rikorrent ieħor (rappreżentanti: M. Romero Rey u I. Salama Salama, avukati)

Konvenuta: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni SRB/EES/2017/08 tas-7 ta' Ġunju 2017 li permezz tagħha ġie deċiż li tiġi adottata riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español, SA, fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE;
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni sabiex jikkumpensa lir-rikorrenti għad-danni sostnuti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u l-Artikolu 41(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li l-ammont eżatt tiegħu jiġi ddeterminat ladarba l-informazzjoni kollha mitluba tiġi pprovduta u, b'mod partikolari, ir-rapport provviżorju maħruġ minn Deloitte u dawk magħmula minn esperti indipendenti skont ir-Regolament UE 806/2014, li nitolbu li ningħataw aċċess għalihom.
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż tal-kawża, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 133 u 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, *Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-481/17, *Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-482/17, *Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-483/17, *García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-484/17, *Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-497/17, *Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, u T-498/17, *Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2017 – Turbo-K International vs EUIPO – Turbo-K (TURBO-K)

(Kawża T-671/17)

(2017/C 424/68)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Turbo-K International Ltd (Birmingham, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. Norris, A. Muir Wood, Barristers)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Turbo-K Ltd (Winchester, ir-Renju Unit)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “TURBO-K” – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 13 458 039

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Lulju 2017 fil-Każ R 2135/2016-2

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad l-oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark fl-intier tagħha;
- tordna l-ħlas tal-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti inkonnessjoni ma' dan l-appell.

Motiv invokat

- ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2017 – Aplicacions de Servei Monsan et vs SRB

(Kawża T-675/17)

(2017/C 424/69)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Aplicacions de Servei Monsan, SLU (Mollet del Vallés, Spanja), u 79 rikorrent ieħor (rappreżentanti: M. Romero Rey u I. Salama Salama, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni SRB/EES/2017/08 tas-7 ta' Ġunju 2017 li permezz tagħha ġie deċiż li tiġi adottata riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español, SA, fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE;
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni sabiex jikkumpensa lir-rikorrenti għad-danni sostnuti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u l-Artikolu 41(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, f'dawn l-ammonti:
 - i. Azzjonisti: il-valur patrimonjali nett ta' kull azzjoni tal-Banco Popular, li ser ikun ikkwantifikat bi preċiżjoni permezz ta' estensjoni tar-rapport tal-espert tagħna, li huwa mehmuż bħala l-Anness A.5, meta nirċievu l-evalwazzjonijiet provviżorji u finali mwettqa minn “esperti indipendenti” kif meħtieġ mill-Artikolu 20 tar-Regolament tal-UE 806/2014 (konklużjonijiet tar-rapport tal-espert, Anness A.5.1, paġna 106);
 - ii. Detenturi ta' strumenti azzjonarji ta' livell 1: l-ammont li jikkorrispondi mal-valur nominali tal-bonds, aġġornat fid-data tar-riżoluzzjoni, flimkien mal-interessi moratorji dovuti minn din id-data sal-mument li fih isir ir-rimbors korrispondenti (rapport tal-espert, Anness A.5.2, paġna 105);